TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

**Fit-Tribunal Tal-Konsumatur**

**Claire Mifsud u Michelle Zammit**

**Vs**

**Diamond Laundry & Dry Cleaning**

**CCT 160/22/MM**

**Illum,** 14 ta' Mejju 2024

**It-Tribunal**

Ra l-avviz tar-rikorrenti ipprezentat fil-31 ta'Ottubru 2022 fejn talbu s-somma ta' mitejn u disgħa u erbgħin ewro (€249), rappreżentanti l-prezz ta' quilt li ġarrbet tbajja meta ingħatat lill-intimat biex inaddafa.

Ra illi s-socjeta' intimata, debitament notifikata bl-avviz tat-talba u tas-smigh, ma dahlet l-ebda risposta iżda fis-seduta tat-3 t'Ottubru 2023, Adrian Farrugia deher in rappreżentanza tas-socjeta' intimata.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Serna x-xhieda bil-ġurament.

**Ikkunsidra**

Illi r-rikorrenti isostnu li l-quilt tagħhom ġiet iddanneggjata meta ttiehdet ghas-servizz tal-ħasil ghand is-socjeta' ntimata 'Diamond Laundry & Dry Cleaning'. Illi r-rikorrenti qed jallegaw li l-materjali tat-tindif użati matul il-proċess tal-ħasil ikkawżaw tbajja' permanenti u bidla fil-kulur fil-quilt tagħhom.

It-Tribunal jinnota li s-soċjeta' intiamta ma ppreżentatx risposta u għalhekk hija kontumaċi. Illi fuq tema legali, l-Qorti tal-Appell Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet **Noel Calleja et v.**

**Middle Sea Valletta Life Assurance**, deċiża fid-29 ta' Jannar 2005 ingħad *"L-istitut tal-kontumacja huwa msejjes fuq il-presuppost li l-imħarrek, bin-nuqqas tiegħu li jwieġeb għax-xilja u t-talba da parti tal-attriċi, ikun wera dispett lejn is-sejħa għall-Qorti biex jidher quddiemha, liema dispett il-liġi tħares lejh bħala għemil li jistħoqqlu piena – dik li ma jkunx jista' jindahal fit-tressiq ta' provi billi dan jammonta għal forma ta' diżordni soċjali. Maż-żmien il-qrati Maltin iddeċidew li r-rigorozita` tal-proċedura għandha tiġi mitigata fis-sens li fejn il-Qorti tkun sodisfatta li ma kien hemm ebda nuqqas volut min naħa tal-persuna mħarrka li jista' jammonta għall-ħtija, m'għandu jkun hemm l-ebda diffikulta` li l-kontumaċja titqies bħala waħda ġustifikata. Di fatti l-ġurisprudenza interpretattiva stabbiliet ċertu fatturi li jirrendu l-kontumaċja mhux ġustifikabbli. Dawn huma fil-każ li l-kontumacja: kienet volontarja jew kolpuża; jew priva minn kawża ġusta; jew mankanza ta' impediment legittimu da parti tal-imħarrek li kien poġġa lill-istess fl-impossibilita` jew f'diffikulta` gravi li jippreżenta n-nota tal-eċċezzjonijiet tiegħu; jew ma kienx każ ta' żball invinċibbli."*

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Market Handle Limited (C-49546) vs. Fahrenheit Freight Forwarders Co. Limited (C – 17421); Elaine Sant Galea u Alfa Company Limited** deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fit-12 ta' Jannar 2012, ingħad li *"Illi l-prinċipji li jirregolaw jekk il-kontumaċja hijiex bi ħtija jew le, ġew għadd ta' drabi mfissra u elenkati. Il-prinċipji huma li: (a) il-kontumaċja mhix ġustifikata jekk kienet volontarja; (b) jew jekk kienet kolpuża; (ċ) li jeħtieġ li biex tkun ġustifikata tiġi murija raġuni ġusta għas-sudisfazzjon tal-Qorti; (d) liema raġuni ġusta trid tissarraf f'impediment leġittimu; (e) li tali impediment irid ikun indipendenti mir-rieda tal-persuna kontumaċi; minbarra dan, (f) sabiex żball ikun meqjus bħala impediment leġittimu, irid ikun żball invinċibbli b'mod li (ġ) l-impediment leġittimu li jżomm lill-parti milli tressaq id-difiża tagħha jrid ikun dak li bnadi oħra ssejjaħ bħala una necessita' impellente di chiamata ad altri doveri imprescindibili; u (ħ) li l-impossibilita' li l-imħarrek jikkontesta t-talba jew li jidher għas-subizzjoni trid tkun gravi u fiżika jew, f'ċirkostanzi eċċezzjonali biss, waħda morali"*. (Ara wkoll App. Ċiv:

12.12.1975 fil-kawża fl-imsijiet **Paul Grixti vs Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi**; u l-kawża fl-ismijiet **Joseph Naudi Montaldo noe vs Emmanuel Xuereb** deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Frar 1995).

Illi fil-kawża fl-ismijiet **Beacom vs Spiteri Staines** deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fid-9 ta' Diċembru 1993 (Kollez. Vol: LXXVII.iii.195) ingħad *"Illi sa minn dejjem, il-Qrati tagħna qiesu li jagħmlu differenza bejn il-kontumaċja b'tort u dik ġustifikabbli. Huma ssoktaw b'din il-linja wkoll sa dawn l-aħħar żminijiet u għarfu u fissru bejn dik il-parti mħarrka li turi disinteress assolut u l-oħra li turi kull fehma li tikkontesta l-kawża u li ma laħqitx għamlet dan jew ma laħqitx użat il-mezzi li tagħtiha l-liġi għal raġuni li ma kinitx taħti għaliha.* (Ara wkoll il-kawża fl-ismijiet **Francis Cutajar et vs Mariano Farruġia et** deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili tal-5 ta' Mejju 2011).

**Ikkunsidra**

Illi s-soċjeta' intimata minkejja li ma daħlet l-ebda Risposta, fis-seduta tat-3 t'Ottubru 2023, Adrian Farrugia deher in rappreżentanza tas-socjeta' intimata u għamel is-sottomissjonijiet tiegħu.

Illi m'huwiex kontestat li s-soċjeta' intimata kienet hi illi eżercitat is-servizzi tad-tindif fuq il-quilt in kwistjoni. Hekk kif irrizulta mill-provi, il-quilt għandha xi tbajja u tilfet il-kulur. Illi r-responsabbilita' ta' kif għandhom jinħasel il-materjal hija fuq is-soċjeta' intimata li għandha taċċerta li tesegwixxi x-xogħol skont l-istruzzjonijiet tal-hasil li ġeneralment ikun hemm fuq it-tiketta. Il-fatt illi waħda biss mill-quilts ġiet iddanneġjata turi illi ma gewx segwiti l-istruzzjonijiet tal-hasil bl-istess mod ghat-tnejn. Illi anki jekk il-quilt ma kellix tiketta li tipprovdi struzzjonijiet għall-ħasil, is-soċjeta' intimata bħala service provider responsabbli' għandu jkun jaf jagħraf it-tip ta' tessut u dan stante li materjali differenti jkollhom rekwiżiti ta' kura differenti. Pereżempju, quilts tal-qoton spiss jistgħu jinħaslu fil-

magna, filwaqt li quilts tas-suf jew tal-ħarir jistgħu jeħtieġu trattament aktar delikat. Illi s-soċjeta' intimata kellha taċċerta wkoll li tuża Temperatura tal-Ilma adattata biex tiġi evitata l-ħsara u biex tiġi preservata l-integrità tat-tessu u fl-istess waqt, waqt il-ħasil, tuża deterġent ħafif li huwa adattat għat-tip ta' tessut u naturalment għandhom jiġu evitati l-użu ta' bleach jew kimiċi iebsin oħra li jistgħu jagħmlu ħsara lill-quilt.

Illi fis-sottomissjonijiet tiegħu ir-rappreżentant tas-soċjeta' intimata jipprova joħloq dubju fix-xhieda tar-rikorrenti pero' t-Tribunal jinnota li l-verżjoni tar-rikorrenti hija plawsibbli u dan anki minħabba l-fatt li r-rikorrenti ċemplu mill-ewwel lis-soċjeta intimata biex jinfurmawh li l-quilt ma kienetx ġiet lura tajba. Dan ixejjen l-argument tas-soċjeta' intimata li t-tbajja kienu hemm minn qabel jew li saru b'negligenza tar-rikorrenti stess. Għalhekk it-Tribunal ma jarax għaliex m'għandux jagħddi biex jilqa' t-talba.

**Deċiżjoni**

Għalhekk għal motivi senjalati dan it-Tribunal qed tilqa' t-talba tar-rikorrenti u konsegwentement wara Ii qies iċ-ċirkostanzi kollha u ra d-dokumenti kollha esebiti, it-Tribunal qed jordna lis-soċjeta' intimata tħallas lir-rikorrenti s-somma ta' mitejn u disgħa u erbgħin ewro (€249), rappreżentanti l-prezz sabiex tinxtera quilt ġdida fi żmien ġimgħa mil llum.

L-ispejjez ta' din is-sentenza a karigu tas-socjeta` intimata.

**Avv. Dr Martha Mifsud**

**Arbitru**